KAPITOLU 399

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI

Biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

Sostitwit: VII. 2004.11.

31 ta' Diċembru, 1997
2 ta' Jannar, 1998

L-ATT XXXIII tal-1997, kif emendat bl-Atti XIX tal-1998, XVIII tal-2000, VI tal-2001, XXVII tal-2002, IX tal-2003 u VII tal-2004; bl-Avviż Legali 425 tal-2007; bl-Atti XXX tal-2007, XII tal-2010, IX tal-2011 u V tal-2012; bl-Avviż Legali 180 tal-2012; u bl-Atti VIII tal-2014 u XVIII tal-2016 u XI tal-2018 u LII tal-2021 u XXIX u XXXV tal-2023 u I tal-2024.

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu. *Emendat: VII. 2004.11; VIII. 2014.40.*

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

Tifsir. *Emendat: XIX. 1998.3; XVIII.2000.31; VII. 2004.12; IX. 2011.3; A.L. 180 tal-2012; LII. 2021.14.*

2. F'dan l-Att, u f'regolamenti magħmulin taħtu, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"aċċess" tfisser it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' faċilitajiet u, jew servizzi lil impriża oħra, b'kondizzjonijiet definiti, fuq bażi esklussiva jew mhux esklussiva, bl-iskop li jkunu provduti s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluż meta dawn jintużaw għall-forniment ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni jew servizzi tal-kontenut tax-xandir. Din tkopri, fost l-oħrajn l-aċċess għal:

(*a*) elementi ta' *network* u faċilitajiet assoċjati, li jistgħu jinvolvu l-konnessjoni ta' tagħmir, b'mezzi fissi jew mhux fissi (b'mod partikolari dan jinkludi l-aċċess mal-linja lokali u għal faċilitajiet u servizzi meħtieġa għall-forniment ta' servizzi fuq il-linja lokali);

(*b*) infrastruttura fiżika, inklużi bini, pajpijiet u arbli;

(*ċ*) sistemi rilevanti tas-*software*, inklużi s-sistemi ta' appoġġ operazzjonali;

(*d*) sistemi tal-informazzjoni jew *databases* għall-ordnijiet minn qabel, forniment, ordnijiet, talbiet ta' manutenzjoni u tiswija, u kontijiet;

(*e*) traduzzjoni ta' numri jew għal sistemi li joffru funzjonalità ekwivalenti;

(*f*) *networks* fissi u mobbli, partikolarment għal *roaming*; u

(*g*) sistemi tal-aċċess kondizzjonali għal servizzi diġitali tat-televiżjoni u l-aċċess għal servizzi tan-*network* virtwali;

"allokazzjoni ta' spektrum tar-radju" tfisser id-dežinjazzjoni ta' banda partikolari tal-ispektrum tar-radju għall-użu minn tip wieħed jew aktar ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet bir-radju, meta xieraq,

b'kondizzjonijiet speċifiċi;

"apparat" tfisser kull tagħmir jew makkinarju, ikunu kif ikunu deskritti;

"dan l-Att" tfisser l-Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, u tinkludi kull regolament magħmul taħtu kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni mwaqqfa taħt l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità dwar il-Komunikazzjoni; Kap. 418.

"awtorità regolatorja nazzjonali" tfisser dak il-korp jew korpijiet avżati għall-finijiet tal-liġi tal-Unjoni Ewropea lill-Kummissjoni Ewropea minn Stat Membru, bħala li jkunu ġew assenjati impenji fir-regolament ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, faċilitajiet assoċjati u servizzi assoċjati;

"awtorizzazzjoni ġenerali" tfisser il-qafas legali mwaqqaf b'dan l-Att jew taħtu li jiżgura drittijiet għall-provdiment ta' *networks* jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u li jistipula obbligi speċifiċi għas-settur li jistgħu japplikaw għal kull tip jew għal xi tip speċifiku ta' *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi skont dan l-Att;

"BEREC" tfisser *Body of European Regulators for Electronic Communications* imwaqqaf bir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC);

"ċentru li jwieġeb is-sejħiet marbutin mas-sikurezza pubblika" jew "PSAP" tfisser post fiżiku fejn tasal l-ewwel komunikazzjoni ta' emerġenza u li tkun fir-responsabbiltà ta' awtorità pubblika jew ta' organizzazzjoni privata rikonoxxuta mill-Gvern;

"deċiżjoni" tinkludi kull sentenza, direttiva, miżura, ħtieġa jew speċifikazzjoni ikunu kif ikunu deskritti magħmulin mill-Awtorità u l-kelma "deċiżjoni" għandha tiftiehem skont hekk;

"Deċiżjoni Nru 676/2002/KE" tfisser Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 fuq qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispektrum tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispektrum tar-Radju);

"Direttiva 2008/63/KE" tfisser Direttiva 2008/63/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 dwar il-kompetizzjoni fis-swieq ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet;

"drittijiet speċjali" tfisser id-drittijiet li jingħataw lil xi għadd limitat ta' impriżi li, fil-parametri ta' xi area ġeografika mogħtija:

(i) jaħtru jew jillimitaw għal tnejn jew aktar l-għadd ta' dawk l-impriżi awtorizzati li jipprovdu servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew li jidħlu għal xi attività ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, xort'oħra milli skont kriterji oġġettivi, proporzjonali u mhux diskriminatorji,

jew

(ii) jikkonferixxu fuq l-impriżi, xort'oħra milli skont dawk il-kriterji, vantaġġi legali jew regolatorji li sostanzjalment jolqtu l-kapaċità ta' kull impriża oħra li tipprovdi l-istess attività ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fl-istess area ġeografika taħt kondizzjonijiet li jkunu sostanzjalment ekwivalenti;

"faċilitajiet assoċjati" tfisser dawk is-servizzi assoċjati, infrastrutturi fiżiċi u faċilitajiet jew elementi oħra li huma assoċjati ma' *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jippotenzjaw u, jew jappoġġaw il-provdiment ta' servizzi permezz ta' *network* u, jew servizz bħal dawk jew li għandhom il-potenzjal li jagħmlu dan, u jinkludu fost l-oħrajn bini jew entraturi f'bini, ħadid li jkun mal-bini, antenni, torrijiet u kostruzzjonijiet oħra ta' appoġġ, kanali, *conduits*, arbli, toqob tal-ispezzjon, u kmajjar;

"impriża" tfisser persuna li tipprovdi jew tkun awtorizzata tipprovdi *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizzi jew faċilitajiet assoċjati;

"interferenza dannuża" tfisser interferenza li tipperikola l-funzjonament ta' servizz ta' navigazzjoni bir-radju jew ta' servizzi oħra ta' sigurtà jew li xort'oħra gravement ibaxxu, jostruwixxu jew ripetutament jinterrompu servizz ta' komunikazzjonijiet bir-radju li jkun qed jopera skont ir-regolamenti internazzjonali, tal-Unjoni Ewropea jew nazzjonali li jkunu japplikaw;

"interkonnessjoni" tfisser tip speċifiku ta' aċċess implimentat bejn operaturi ta' *networks* pubbliċi permezz ta' konnessjoni fiżika u loġika ta' *networks* pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi użati mill-istess impriża jew minn impriża differenti sabiex l-utenti ta' impriża waħda jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' utenti tal-istess impriża jew ta' impriża oħra, jew biex ikollhom aċċess għal servizzi provduti minn impriża oħra fejn dawk is-servizzi jkunu fornuti mill-partijiet involuti jew minn partijiet oħra li jkollhom aċċess għan-*network*;

"Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi" tfisser id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi;

"komunikazzjoni ta' emerġenza" tfisser komunikazzjoni permezz tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali bejn utent finali u l-PSAP biex tintalab u tasal għajnuna ta' emerġenza mis-servizzi ta' emerġenza;

"konsumatur" tfisser persuna naturali li tuża jew titlob servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament, għal għanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu man-negozju, mal-kummerċ, mas-sengħa, jew mal-professjoni tiegħu;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

"linja lokali" tfisser il-mogħdija fiżika użata minn sinjali ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jqabbdu punt tat-terminazzjoni

tan-*network* ma' qafas tad-distribuzzjoni jew ma' faċilità ekwivalenti fin-*network* pubbliku fiss tal-komunikazzjonijiet elettroniċi;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għal komunikazzjoni;

"*network* b'kapaċità kbira ħafna" tfisser jew *network* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jikkonsisti għal kollox minn elementi tal-fibrottika mill-inqas sal-punt tad-distribuzzjoni fil-post fejn qed iservi, jew *network* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jkun kapaċi jagħti, taħt kondizzjonijiet tas-soltu waqt *peak-time*, prestazzjoni tan-*network* simili mil-lat ta' meded tal-baned tad-*downlink* u tal-*uplink* disponibbli, reżiljenza, parametri relatati mal-iżbalji, u latenza u l- varjazzjoni tagħha:

Iżda l-prestazzjoni tan-*network* tista' titqies simili irrispettivament minn jekk l-esperjenza tal-utent finali tvarjax minħabba l-karatteristiċi minnhom innifishom differenti tal-mezz li bih in-*network* fl-aħħar jikkonnetti mal-punt tat-terminazzjoni tan-*network*;

"*network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser sistemi tat-trasmissjoni, ibbażati jew le fuq infrastruttura permanenti jew kapaċità tal-amministrazzjoni ċentralizzata, u, fejn japplika, tagħmir għall-bdil jew għar-*routing* u riżorsi oħra, li jinkludi elementi tan-*network* li mhumiex attivi, li jippermettu t-twassil tas-sinjali bil-wajer, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi elettromanjetiċi oħrajn, inklużi *networks* tas-satellita, *networks* fissi (*circuit-switched* u *packet-switched*, inkluż l-internet) u *networks* mobbli, sistemi tal-*cable* tal-elettriku, sal-punt li dawn jintużaw bil-għan tat-trasmissjoni tas-sinjali, *networks* li jintużaw għax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni, u *networks* tat-televiżjoni bil-*cable*, irrispettivament mit-tip ta' informazzjoni mwassla;

"*network* pubbliku ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi użati għal kollox jew prinċipalment għall-provdiment ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament li jkunu b'sostenn tat-trasferiment ta' informazzjoni bejn punti ta' terminazzjoni ta' *network*;

"*network* ta' stazzjon satellitari terrestri" tfisser konfigurazzjoni ta' żewġ stazzjonijiet terrestri jew iktar li jaqbdu flimkien permezz ta' satellita;

"operatur" tfisser impriża li tipprovdi jew li hi awtorizzata li tipprovdi *network* pubbliku ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew faċilità assoċjata;

"Pjan ta' Frekwenzi" tfisser il-Pjan Nazzjonali ta' Allokazzjoni ta' Frekwenzi kif adottat mill-Awtorità u ppubblikat kif hawn fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;

"punt ta' terminazzjoni tan-*network*" tfisser il-punt fiżiku fejn utent finali jingħata aċċess għal *network* pubbliku ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u li fil-każ tan-*networks* li jinvolvu

bdil jew *routing*, jiġi identifikat b'indirizz speċifiku tan-*network*, li jista' jitqabbad ma' numru jew isem ta' utent finali;

"Regolamenti tar-Radju ITU" tfisser ir-Regolamenti tar-Radju annessi ma', jew li jitqiesu li jkunu annessi mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Telekomunikazzjonijiet l-aktar reċenti tal-Għaqda tat-Telekomunikazzjonijiet Internazzjonali (ITU) kif fis-seħħ f'dak iż-żmien;

"Regolament (UE) Nru 531/2012" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar *roaming* fuq *networks* pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni Ewropea;

"Regolament (UE) 2015/2120" tfisser ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar *roaming* fuq *networks* pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni Ewropea;

"RSPG" tfisser il-Grupp għall-Politika dwar l-Ispektrum tar-Radju stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi l-Grupp għall-Politika dwar l-Ispektrum tar-Radju;

"setgħa fis-suq sinifikanti" jew "SMP" tfisser pożizzjoni ewkivalenti għad-dominanza li l-impriża tgawdi sew individwalment sew solidament flimkien ma' oħrajn jiġifieri pożizzjoni ta' saħħa ekonomika li tagħtiha l-qawwa li ġġib ruħha b'mod sinifikanti indipendentement minn kull kompetitur, klijent u fl-aħħar ukoll konsumatur;

"servizz ta' emerġenza" tfisser servizz, rikonoxxut bħala tali mill-Gvern, li jipprovdi għajnuna immedjata u mgħaġġla meta jkun hemm, b'mod partikolari, riskju dirett għall-ħajja jew ta' ġrieħi gravi, għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-pubbliku jew ta' individwu, għall-proprjetà privata jew pubblika, jew għall-ambjent, b'mod konformi mal-liġi ta' Malta;

"servizz ta' komunikazzjonijiet bil-vuċi" tfisser servizz, disponibbli għall-pubbliku, ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li juża riżorsi ta' numri li jkunu speċifikament assenjati mill-pjan ta' numerazzjoni nazzjonali li joriġina u jirċievi, direttament jew indirettament, sejħiet nazzjonali jew nazzjonali u internazzjonali, permezz ta' numru jew numri fi pjan ta' numerazzjoni nazzjonali jew internazzjonali. "Servizz ta' komunikazzjonijiet bil-vuċi" huwa subsett ta' "servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali bbażat fuq in-numri;

"servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser servizz li normalment jingħata bi ħlas permezz ta' *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, li jinkludi, eskluż s-servizzi li jipprovdu, jew jeżerċitaw kontroll editorjali fuq, kontenut trasmess b'servizzi u *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, dawn it-tipi ta' servizzi li ġejjin:

(*a*) "servizz ta' aċċess għall-internet" kif definit fil-punt

(2) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2015/2120;

(*b*) servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali; u

(*ċ*) servizzi li jikkonsistu għal kollox jew fil-biċċa l-kbira fit-twassil tas-sinjali bħal servizzi ta' trasmissjoni li jintużaw għall-forniment ta' servizzi minn magna għal magna u għax-xandir;

"servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament" tfisser servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli għall-pubbliku;

"servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali" tfisser servizz li normalment jingħata bi ħlas u li jippermetti l-iskambju interpersonali u interattiv dirett tal-informazzjoni *b'networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi bejn għadd definit ta' persuni, fejn il-persuni li jibdew jew li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-komunikazzjoni jiddeterminaw min jirċeviha u ma tinkludix is-servizzi li jippermettu komunikazzjoni interpersonali u interattiva sempliċement bħala karatteristika anċillari minuri li għandha rabta intrinsika ma' servizz ieħor;

"servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali bbażat fuq in-numri" tfisser servizz tal-komunikazzjonijiet interpersonali li jaqbad ma' riżorsi ta' numerazzjoni assenjati pubblikament, jiġifieri numru jew numri fil-pjanijiet tan-numerazzjoni nazzjonali jew internazzjonali, jew li jippermetti komunikazzjoni ma' numru jew numri fil-pjanijiet tan-numerazzjoni nazzjonali jew internazzjonali:

Iżda s-sempliċi użu ta' numru bħala identifikatur jenħtieġ li ma jitqiesx li huwa ekwivalenti għall-użu ta' numru ta' konnessjoni ma' numri assenjati pubblikament u għalhekk, fih innifsu, jenħtieġ li ma jitqiesx li huwa suffiċjenti biex servizz jikkwalifika bħala servizz tal-komunikazzjonijiet interpersonali bbażat fuq in-numri;

"servizz assoċjat" tfisser servizz assoċjat ma' *network* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jew servizz tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jagħmel possibbli u, jew jappoġġa l-forniment, l-awtoforniment jew il-forniment awtomatizzat tas-servizzi permezz ta' dak in-*network* u, jew servizz, jew li għandu l-potenzjal li jagħmel dan, u jinkludi traduzzjoni tan-numri jew sistemi li joffru funzjonalità ekwivalenti, sistemi ta' aċċess kondizzjonali u gwidi elettroniċi tal-programmi (EPGs), kif ukoll servizzi oħra bħas-servizz tal-identità, il-lok u l-preżenza;

"servizzi universali" tfisser l-inqas grupp ta' servizzi ta' kwalità speċifikata li jkunu disponibbli lill-utenti kollha minkejja l-lokazzjoni ġeografika tagħhom u, fid-dawl ta' kondizzjonijiet nazzjonali speċifiċi, bi prezz irħis li jista' jintlaħaq skont ma jista' jitfisser b'dan l-Att jew taħtu;

"sigurtà tan-*networks* u tas-servizzi" tfisser l-abbiltà tan-*networks* u tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jirreżistu, f'livell partikolari ta' fiduċja, kull azzjoni li tikkompromett d-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità jew il-

kunfidenzjalità ta' dawk in-*networks* u s-servizzi, ta' *data* maħżuna, mibgħuta jew proċessata, jew tas-servizzi relatati offruti minn dawk in-*networks* jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, jew aċċessibbli permezz tagħhom;

"sistema ta' aċċess kondizzjonali" tfisser kull mezz tekniku, sistema ta' awtentikazzjoni u, jew arranġament li bih l-aċċess f'servizz ta' xandir protett bir-radju jew bit-televiżjoni f'għamla intelliġibbli jkun magħmul b'mod kondizzjonali mal-abbonament jew xi għamla oħra ta' awtorizzazzjoni individwali prijuri;

"spektrum armonizzat tar-radju" tfisser spektrum tar-radju li għalih ġew stabbiliti kondizzjonijiet armonizzati relattivi għad-disponibbiltà u l-użu effiċjenti tiegħu permezz ta' mezzi ta' implimentazzjoni teknika f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-UE Nru 676/2002/KE (Deċiżjoni dwar l-Ispektrum tar-Radju);

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

"suq intern" tfisser is-suq intern tal-Unjoni Ewropea;

"tagħmir terminali" tfisser tagħmir terminali kif imfisser fil-punt (1) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/63/KE;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva; Kap. 490.

"utent" tfisser persuna li tuża jew titlob servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament;

"utent finali" tfisser utent li ma jkunx qed jipprovdi *networks* pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċċi disponibbli pubblikament;

"utenti finali li għandhom diżabilità" tfisser persuni li għandhom diżabilità kif imfisser fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, li l-bżonnijiet speċjali tagħhom bħala utenti finali jkunu dovuti jew minħabba f'xi diżabilità jew minħabba f'età anzjana; Kap. 413.

"użu kondiviż tal-ispektrum tar-radju" tfisser aċċess minn żewġ utenti jew aktar biex jintużaw l-istess baned tal-ispektrum tar-radju taħt arranġament ta' kondiviżjoni definit, awtorizzat abbażi ta' awtorizzazzjoni ġenerali, drittijiet individwali tal-użu tal-ispektrum tar-radju jew kombinazzjoni tagħhom, inklużi approċċi regolatorji bħall-aċċess kondiviż liċenzjat bil-għan li jiffaċilitaw l-użu kondiviż ta' banda tal-ispektrum tar-radju, soġġetti għal ftehim vinkolanti tal-partijiet kollha involuti, b'konformità mar-regoli ta' kondiviżjoni kif inklużi fid-drittijiet tagħhom ta' użu għall-ispektrum tar-radju biex ikun żgurat li l-utenti kollha jkollhom arranġamenti tal-kondiviżjoni prevedibbli u affidabbli, u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni.

TAQSIMA II

Emendat: VII. 2004.13.

REGOLAMENT TA' KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI

1. L-Awtorità Kompetenti li tirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. *Sostitwit: XVIII. 2000.31; VII. 2004.14; IX. 2011.4. Emendat: LII. 2021.15.* Kap. 418.

3. (1) L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni mwaqqfa taħt l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità dwar il-Komunikazzjoni, għandha tkun l-awtorità kompetenti biex tirregola komunikazzjonijiet elettroniċi taħt dan l-Att u, daqskemm jiġi provdut f'dan l-Att, tinforza d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) L-Awtorità għandu jkollha estimi annwali separati li timplimenta awtonomament, u dawk l-estimi għandhom jiġu pubblikati. L-Awtorità għandha tingħata riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att u taħt kull liġi oħra li tkun tapplika u li għandhom x'jaqsmu mal-komunikazzjonijiet elettroniċi li l-Awtorità jkollha jedd li tinforza, inklużi dawk ir-riżorsi li bihom l-Awtorità tkun tista' tieħu sehem attiv fihom u tikkontribwixxi għal BEREC u għal kull funzjoni li jkollha x'taqsam mal-kooperazzjoni internazzjonali.

(3) Meta tkun qiegħda twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħha taħt dan l-Att u taħt kull liġi oħra li għandha x'taqsam mal-komunikazzjonijiet elettroniċi li l-Awtorità jkollha jedd tinforza, l-Awtorità għandha tappoġġa attivament il-miri ta' BEREC li jinġiebu 'l quddiem aktar koordinazzjoni regolatorja u konsistenza fl-applikazzjoni tal-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, u għandha wkoll tqis sew l-linji gwida, fehmiet, rakkomandazzjonijiet, pożizzjonijiet komuni, l-aħjar prattiċi u metodoloġiji adottati minn BEREC meta l-Awtorità tkun qiegħda tadotta deċiżjonijiet għas-swieq nazzjonali.

(4) Meta tkun qiegħda taqdi l-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħha taħt dan l-Att u taħt kull liġi oħra li għandha x'taqsam mal-komunikazzjonijiet elettroniċi li l-Awtorità jkollha jedd tenforza, l-Awtorità għandha tqis mill-aħjar li tista' r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea. B'riferenza għar-rakkomandazzjonijiet maħruġin skont l-Artikolu 38 tal-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, l-Awtorità għandha, jekk tagħżel li ma timxix ma' rakkomandazzjoni, tgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għall-pożizzjoni li tkun qegħda tieħu.

Għanijiet tal-Awtorità *Sostitwit: LII. 2021.16.*

4. (1) Meta tkun qiegħda twettaq il-ħidma tagħha kif trid il-liġi, l-Awtorità għandha, daqstant kemm tagħti setgħa l-liġi, tfittex li twettaq u tagħti l-akbar konsiderazzjoni ta' kull għan ta' politika minn dawn li ġejjin:

(*a*) li ġġib 'il quddiem il-konnettività u l-aċċess għal, u l-użu ta' *networks* b'kapaċità kbira ħafna, inklużi *networks* fissi, mobbli u mingħajr fili, miċ-ċittadini u negozji kollha tal-Unjoni Ewropea;

(*b*) li ġġib 'il quddiem il-kompetizzjoni fil-forniment ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u

faċilitajiet assoċjati, inkluża kompetizzjoni bbażata fuq infrastruttura effiċjenti, u fil-forniment tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u ta' servizzi assoċjati;

(*ċ*) li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern bit-tneħħija ta' kull xkiel li jifdal, u tiffaċilita kondizzjonijiet konverġenti, għal investment fi, u l-forniment ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, faċilitajiet assoċjati u servizzi assoċjati mal-Unjoni Ewropea kollha, billi jinħolqu regoli komuni u approċċi regolatorji prevedibbli, billi jiġi ffavorit l-użu effettiv, effiċjenti u koordinat ta' spektrum tar-radju, innovazzjoni bil-miftuħ, it-twaqqif u l-iżvilupp ta' *networks* trans-Ewropej, il-forniment, id-disponibbiltà u l-interoperabilità ta' servizzi trans-Ewropej, u konnettività minn tarf għall-ieħor;

(*d*) li ġġib 'il quddiem l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, billi tiżgura l-konnettività, u d-disponibbiltà u l-adozzjoni mifruxa ta' *networks* b'kapaċità kbira ħafna, inklużi *networks* fissi, mobbli u mingħajr fili, u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, billi jingħataw l-ogħla benefiċċji f'dawk li huma għażla, prezz u kwalità abbażi ta' kompetizzjoni effettiva, billi tinżamm is-sigurtà tan-*networks* u tas-servizzi, billi jiġi żgurat livell komuni u għoli ta' protezzjoni għall-utenti finali permezz tar-regoli speċifiċi meħtieġa tas-settur u billi jiġu indirizzati l-ħtiġijiet, bħalma huma prezzijiet affordabbli, ta' gruppi soċjali speċifiċi, partikolarment utenti finali b'diżabilità, utenti finali anzjani u utenti finali bi bżonnijiet speċjali soċjali, u għażla u aċċess ekwivalenti għal utenti finali b'diżabilità:

Iżda fejn il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi punti ta' riferiment u tirrapporta fuq l-effettività tal-miżuri mittieħda mill-Awtorità biex tikseb l-għanijiet imsemmija f'dan is-subartikolu, l-Awtorità għandha, fejn ikun meħtieġ, tassisti lill-Kummissjoni Ewropea.

(2) L-Awtorità għandha, bil-għan li tikseb l-għanijiet tal-politika msemmija fis-subartikolu (1), fost l-oħrajn:

(*a*) iġġib 'il quddiem il-prevedibbiltà regolatorja billi tiżgura approċċ regolatorju konsistenti tul perjodi ta' reviżjoni adatti u permezz ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji kompetenti oħra nazzjonali fi Stati Membri oħra, mal-BEREC, mal-RSPG u mal-Kummissjoni Ewropea;

(*b*) tiżgura li, f'ċirkostanzi simili, ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni fil-mod kif jiġu trattati fornituri ta' *networks* u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi;

(*ċ*) tapplika l-liġijiet nazzjonali u liġijiet tal-Unjoni

Ewropea b'mod teknoloġikament newtrali, sa fejn dawn ikunu konsistenti mal-ksib tal-għanijiet imsemmija fis-subartikolu (1);

(*d*) iġġib 'il quddiem investiment u innovazzjoni effiċjenti f'infrastrutturi ġodda u mtejba, inkluż billi tiżgura li f'kull obbligu ta' aċċess tqis kif imiss ir-riskju li jkunu qegħdin jieħdu l-impriżi li jinvestu u billi tippermetti diversi arranġamenti kooperattivi bejn investituri u partijiet li jitolbu aċċess biex jiddiversifikaw ir-riskju ta' investment, filwaqt li tiżgura li tħares il-kompetizzjoni fis-suq u l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni;

(*e*) tqis kif imiss id-diversità ta' kondizzjonijiet dwar l-infrastruttura, il-kompetizzjoni, iċ-ċirkostanzi tal-utenti finali u, b'mod partikolari, tal-konsumaturi fid-diversi żoni ġeografiċi ta' Malta inkluża l-infrastruttura lokali mmexxija minn persuni fiżiċi mingħajr skop ta' qligħ; u

(*f*) timponi obbligi regolatorji *ex-ante* daqstant biss daqskemm ikun meħtieġ biex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva u sostenibbli kif ikun jaqbel għall-utenti finali u ittaffi jew tneħħi tali obbligi malli titwettaq dik il-kondizzjoni.

(3) L-Awtorità għandha, meta tkun qiegħda twettaq il-funzjonijiet tagħha kif trid il-liġi, taġixxi b'mod imparzjali, oġġettiv, bi trasparenza u b'manjiera non-diskriminatorja u proporzjonata.

(4) L-Awtorità għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern billi taħdem b'mod trasparenti mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ta' Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni Ewropea u mal-BEREC, biex tiżgura li l-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi jiġi applikat b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha. Meta tkun qegħda tagħmel dan l-Awtorità għandha, partikolarment, taħdem mal-Kummissjoni Ewropea u mal-BEREC biex tidentifika x-xorta ta' strumenti u rimedji li jkunu l-aktar adatti biex jiġu indirizzati tipi partikolari ta' sitwazzjonijiet fis-suq.

Ippjanar strateġiku u koordinament ta' politika dwar spektrum tar-radju. *Mižjud: LII. 2021.17.*

4A. (1) L-Awtorità għandha tikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni Ewropea fl-ippjanar strateġiku u l-armonizzazzjoni tal-użu ta' spektrum tar-radju fil-Unjoni Ewropea b'mod konformi mal-politiki tal-Unjoni Ewropea għat-twaqqif u l-funzjonament tas-suq intern fil-komunikazzjonijiet elettroniċi. Meta tkun qegħda tagħmel dan hija għandha tqis, fost l-oħrajn, l-aspetti ekonomiċi, tas-sikurezza, tas-saħħa, tal-interess pubbliku, tal-libertà ta' espressjoni, kulturali, xjentifiċi, soċjali u tekniċi tal-politiki tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-interessi diversi li jkollhom komunitajiet ta' utenti ta' spektrum tar-radju, bil-għan li jiġi ottimizzat l-użu ta' spektrum tar-radju u jevitaw l-interferenza dannuża.

(2) Meta l-Awtorità tkun qiegħda tikkoopera mal-awtoritajiet

kompetenti ta' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni Ewropea, din għandha ġġib 'il quddiem il-koordinament ta' approċċi dwar il-politika tar-radju fl-Unjoni Ewropea u, meta jkun japplika, kondizzjonijiet armonizzati dwar id-disponibilità u l-użu effiċjenti ta' spektrum tar-radju meħtieġa għat-twaqqif u l-funzjonament tas-suq intern tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

(3) L-Awtorità għandha, permezz ta' RSPG, tikoopera ma' awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni Ewropea b'mod konformi mas-subartikolu (1), u fuq talba tagħhom mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, bħala sostenn tal-ippjanar strateġiku u l-koordinament tal-approċċi tal-politika dwar spektrum tar-radju fl-Unjoni Ewropea, billi:

(*a*) tiżviluppa l-aħjar prattiċi dwar affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ispektrum tar-radju, bil-għan li jiġi implimentat il-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi;

(*b*) tiffaċilita l-koordinament bejn Malta u Stati Membri oħra bil-għan li timplimenta l-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u liġijiet oħra tal-Unjoni Ewropea u li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern; u

(*ċ*) tikkoordina l-approċċi fir-rigward tal-għoti u l-awtorizzazzjoni dwar l-użu ta' spektrum tar-radju u tippubblika rapporti jew opinjonijiet dwar afffarijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-ispektrum tar-radju.

Applikabilità ta' dan l-Att.
Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.17. Emendat: IX. 2011.3, 6; VIII. 2014.42; LII. 2021.18; XXXV.2023.41.

5. (1) Dan l-Att għandu japplika għad-diversi swieq ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kemm-il darba ma jiġix xort'oħra dikjarat f'dan l-Att jew kull liġi oħra.

Estensjoni tal-applikabbiltà għal medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent.
Kap. 362.
Kap. 625.

1A. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw ukoll, skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982 kif ratifikata skont l-Att dwar ir-Ratifika tal-Liġi tal-Baħar, għal medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent kif imfissra fl-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva. Kwalunkwe ġżira artifiċjali, stallazzjoni, struttura, tagħmir jew apparat fiha għandhom, unikament għall-għanijiet ta' dan l-Att, jitqiesu daqslikieku jinsabu ġewwa Malta stess.

(2) Dan l-Att ma għandux japplika għall-kontenut ta' kull komunikazzjoni, tkun kif tkun deskritta, trasmessa permess ta' *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom ikunu mingħajr preġudizzju:

(*a*) għall-obbligi imposti b'kull liġi oħra dwar servizzi provduti li jużaw *networks* u servizzi ta'

komunikazzjonijiet elettroniċi;

(*b*) għall-miżuri mittieħda fl-Unjoni Ewropea jew fuq livell nazzjonali, b'mod konformi mal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, biex jitwettqu għanijiet ta' interes ġenerali partikolarment f'dak li jkollu x'jaqsam mal-protezzjoni ta' *data* u privatezza personali, mar-regolament ta' kontenut u politika awdjoviżiva;

(*ċ*) għall-operat ta' kull liġi oħra li jkollha x'taqsam mat-tagħmir tat-terminal tar-radju u telekomunikazzjonijiet;

(*d*) għal kull azzjoni li tittieħed bil-għan li jinżamm l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika u għad-difiża; jew

(*e*) għar-Regolamenti (UE) Nru 531/2012 u (UE) 2015/2120 u għar-Regolamenti dwar Tagħmir tar-Radju.

L.S. 427.41.

Kompiti dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi li jinkombu fuq l-Awtorità. Miżjud: *LII. 2021.19.*

5A. (1) L-Awtorità għandha tkun responsabbli għal dawn il-kompiti li ġejjin:

(*a*) li timplimenta r-regolament tas-suq *ex ante*, inkluża l-impożizzjoni ta' obbligi tal-aċċess u tal-interkonnessjoni;

(*b*) li tiżgura r-riżoluzzjoni ta' tilwimiet bejn l-impriżi;

(*ċ*) li tmexxi l-qafas ta' awtorizzazzjonijiet ġenerali;

(*d*) li tiżviluppa l-pjan ta' frekwenzi;

(*e*) li twettaq il-ġestjoni tal-ispektrum tar-radju u deċiżjonijiet dwaru, inklużi affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-elementi tal-iffurmar tas-suq u l-kompetizzjoni ta' proċessi li jkollhom x'jaqsmu mad-drittijiet ta' użu għal spektrum tar-radju għal *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi;

(*f*) li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' utenti finali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, f'koordinament, meta dan ikun rilevanti, ma' awtoritajiet kompetenti oħra;

(*g*) li tiżviluppa u tmexxi l-pjan nazzjonali tan-numerazzjoni u l-għoti ta' drittijiet għall-użu għar-riżorsi nazzjonali kollha tan-numerazzjoni;

(*h*) li tivvaluta u tissorvelja mill-qrib kwistjonijiet ta' ffurmar tas-suq u ta' kompetizzjoni dwar aċċess miftuħ għall-internet;

(*i*) li tiżviluppa l-integrità u s-sigurtà ta' *networks* pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkunu disponibbli pubblikament;

(*j*) li tivvaluta l-piż inġust u tikkalkula l-ispiża netta tal-forniment ta' servizz universali; u

(*k*) li tiżgura l-portabilità ta' numri bejn il-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni bil-vuċi.

(2) It-twettiq tal-kompiti elenkati taħt is-subartikolu (1) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kull kompitu ieħor li l-Awtorità tkun meħtieġa twettaq bil-liġi.

(3) L-Awtorità għandha tippubblika f'format aċċessibli faċilment dawk il-kompiti assenjati lilha taħt il-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u, meta jkun japplika, dawk assenjati lil awtoritajiet kompetenti oħra, kif ukoll kull tibdil li jsir fihom.

2. Dispożizzjonijiet ġenerali li għandhom x'jaqsmu mar-rwol tal-Awtorità u d-drittijiet u l-obbligi tal-impriżi

Miżjud: VII. 2004.18.

6. Persuna għandha tistalla jew tħaddem *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew tipprovdi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi f'Malta konformement ma' dan l-Att.

Konformità meta jkun qed jitħaddem xi *network* jew jiġi pprovdut servizz. *Miżjud: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: XXX. 2007.22.*

7. Impriża awtorizzata b'dan l-Att jew taħtu biex tħaddem *network* pubbliku ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandha, iktar milli biss tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u mal-obbligi skont l-awtorizzazzjoni li jkollha, tiżgura:

Obbligi speċjali ta' provdituri ta' *networks* pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. *Miżjud: XVIII.2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: XXX. 2007.23; IX. 2011.7; LII. 2021.20.*

(*a*) li l-kapaċità, kwantità u fattizzi tan-*network* ikunu biżżejjed biex jiġi provdut u mantenut *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi effiċjenti;

(*b*) li n-*network* ikun biżżejjed u kompatibbli ma' dawk is-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi internazzjonali skont ma l-Awtorità tista' tispeċifika;

(*ċ*) s-sigurezza tan-*network* u ta' kull estensjoni relattiva; u

(*d*) li ebda persuna m'għandha tagħmel ebda xogħol jew twettaq kull att ieħor, jew tkun fdata biex tkun tista' twettaq dawk ix-xogħlijiet jew twettaq dawk l-attijiet, ta' kostruzzjoni, tiswija, manutenzjoni, tibdil jew kontroll ta' *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew ta' tagħmir kemm-il darba ma tkunx debitament kwalifikata u ma jkollhiex dawk il-kwalifiki biex tkun tista' twettaq dawk ix-xogħlijiet jew twettaq dawk l-attijiet li jistgħu jiġu ordnati skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47.

Obbligi speċjali ta' provdituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkunu pubblikament disponibbli. *Miżjud: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: XXX. 2007.24; IX. 2011.3, 8.*

8. Meta impriża tkun awtorizzata b'dan l-Att jew taħtu li tipprovdi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkun pubblikament disponibbli, din għandha -

(*a*) tipprovdi dawk is-servizzi effiċjentement, filwaqt li tikkonforma ruħha ma' kull *standard* ta' kwalità ġeneralment aċċettat fl-industrija jew skont ma jista' minn żmien għal żmien ikun speċifikat mill-Awtorità;

(*b*) tavża lill-Awtorità u tippubblika b'avviż fil-*media* meta dawk is-servizzi għandhom ikunu interrotti minħabba fl-istallazzjoni jew it-tiswija jew it-tibdil ta' apparat;

(*ċ*) tistabbilixxi mekkaniżmu effiċjenti sabiex jiġu riċevuti ilmenti u jissewwew ħsarat fin-*networks* tagħha u fis-servizzi provduti.

Tifsira ta' suq u analiżi. *Sostitwit: LII. 2021.21.*

9. L-Awtorità għandha, bla ħsara għal kull proċedura li tista' tkun ordnata taħt dan l-Att u b'mod konformi mal-prinċipji tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, tiddefinixxi s-swieq rilevanti adatti għaċ-ċirkostanzi nazzjonali, partikolarment is-swieq ġeografiċi rilevanti u għandha tagħmel analiżi ta' dawk is-swieq rilevanti.

Numri. *Sostitwit: LII. 2021.22.*

10. L-Awtorità għandha tistabbilixxi u tmexxi l-pjan tan-numerazzjoni nazzjonali għal servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, u għandha tikkontrolla l-allokazzjoni u l-assenjament tar-riżorsi kollha tan-numerazzjoni nazzjonali.

Projbizzjoni ta' restrizzjonijiet. *Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19; IX. 2011.12. Emendat: LII. 2021.23.*

11. (1) Mingħajr preġudizzju għall-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, m'għandha tiġi imposta jew tinżamm ebda restrizzjoni fuq il-provdiment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi permezz ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi mwaqqfa minn xi impriża li tipprovdi servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, permezz ta' infrastrutturi provduti minn terzi, jew permezz ta' parteċipazzjoni f'*networks,* faċilitajiet jew siti oħra.

(2) M'għandu jingħata jew jinżamm fis-seħħ ebda dritt esklużiv jew speċjali għat-twaqqif u, jew il-provdiment ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, jew għall-provdiment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkunu disponibbli pubblikament.

Kif tiġi imposta l-parteċipazzjoni f'obbligi fis-sistema tal-fili. *Miżjud: IX. 2011.13. Sostitwit: XVIII. 2016.20.*

12. (*Imħassar bl-Att LII.2021.24).*

Aċċess għal infrastruttura fiżika fil-bini. *Sostitwit: XVIII. 2016.20.* Kap. 81.

12A. (*Imħassar bl-Att LII.2021.24).*

3. Aċċess u Interkonnessjoni

Funzjonijiet tal-Awtorità dwar aċċess u interkonnessjoni.
Emendat: XVIII. 2000.31.
Sostitwit: VII. 2004.19.
Emendat: IX. 2011.14.
Kap. 418.

13. L-Awtorità għandha, filwaqt li taġixxi skont l-objettivi tagħha kif dikjarati f'dan l-Att u fl-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, tinkoraġġixxi u fejn adatt, tiżgura, skont id-dispożizzjonijiet magħmulin b'dan l-Att jew taħtu, aċċess u interkonnessjoni adegwati u l-interoperabilità ta' servizzi b'tali mod li:

(*a*) tinġieb 'il quddiem l-effiċjenza;

(*b*) tinġieb 'il quddiem il-kompetizzjoni sostenibbli;

(*ċ*) jinġiebu 'l quddiem investiment u innovazzjoni effiċjenti; u

(*d*) jingħata l-aqwa benefiċċju lill-utenti finali.

Projbizzjoni ta' restrizzjonijiet.
Emendat: XVIII. 2000.31; XXVII. 2002.58.
Sostitwit: VII. 2004.19.
Emendat: A.L. 425 ta'-2007; XXX. 2007.26; IX. 2011.15.

14. (*Imħassar bl-Att LII.2021.25).*

Obbligi ta' impriżi dwar separazzjoni tal-kontijiet.
Emendat: XVIII. 2000.31.
Sostitwit: VII. 2004.19.
Emendat: A.L. 425 tal-2007; XXX. 2007.27.

15. (*Imħassar bl-Att LII.2021.25).*

Rappurtar finanzjarju.
Emendat: XVIII. 2000.31.
Sostitwit: VII. 2004.19.
Emendat: A.L. 425 tal-2007; XXX. 2007.28; IX. 2011.17.
Kap. 386.

Sostitwit: IX. 2011.18.

16. (*Imħassar bl-Att LII.2021.25).*

Awtorizzazzjonijiet ġenerali.
Emendat: XVIII. 2000.31.
Sostitwit: VII. 2004.19.
Emendat: IX. 2011.19.

17. (*Imħassar bl-Att LII.2021.25).*

Ħlasijiet amministrattivi.
Emendat: XVIII. 2000.31.
Sostitwit: VII. 2004.19.
Emendat: IX. 2011.20.

18. (*Imħassar bl-Att LII.2021.25).*

Awtorizzazzjoni ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi.
Emendat: XIX. 1998.3; XVIII. 2000.31; VI. 2001.29. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: A.L. 425 tal-2007; XXX. 2007.29; IX. 2011.21.

19. (*Imħassar bl-Att LII.2021.25).*

Emendi tal-awtorizzazzjoni ġenerali u ta' jeddijiet ta' użu.
Miżjud: IX. 2011.23.

20. (*Imħassar bl-Att LII.2021.25).*

Ħtieġa li jinkisbu awtorizzazzjonijiet oħra, eċċ., meħtieġa skont il-liġi.
Miżjud: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.22.

21. (*Imħassar bl-Att LII.2021.25).*

6. Obbligi ta' impriżi pubbliċi li jkunu vertikalment integrati

Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni favur wieħed innifsu.
Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: A.L. 425 tal-2007; XXX. 2007.30. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.22.

22. Impriża li tkun vertikalment integrata, li fuqha l-Gvern ta' Malta jew ta' Stat Membru ikollu il-kontroll effettiv u li tipprovdi *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u li tkun f'pożizzjoni dominanti, ma għandhiex tiddiskrimina favur l-attivitajiet tagħha nnifisha.

7. Interessi u drittijiet tal-utent finali

Jeddijiet tal-utenti finali u l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża.
Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19; IX. 2011.25.

23. (*Imħassar bl-Att LII.2021.26).*

Nullità ta' kuntratt u ta' ċertu pattijiet u l-kondizzjonijiet.
Emendat: XVIII.2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19; IX. 2011.26.

24. (*Imħassar bl-Att LII.2021.26).*

TAQSIMA III

ĦARSIEN LEGALI TA' SERVIZZI BAŻATI FUQ JEW LI JIKKONSISTU FI aċċess KONDIZZJONALI

25. (1) (1) F'dan l-artikolu:

Ħarsien legali ta' servizzi bbażati fuq aċċess kondizzjonali jew li jikkonsistu fih. *Miżjud: IX. 2003.89. Emendat: VII. 2004.21; A.L. 425 ta l-2007. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.22. Emendat: LII. 2021.27.*

"aċċess kondizzjonali" tfisser miżuri jew arranġamenti tekniċi li jkunu jippermettu li jsir aċċess f'forma inteliġibbli, u soġġett għal awtorizzazzjoni individwali bil-quddiem, għal xi wieħed mis-servizzi li jikkostitwixxi servizz protett;

"apparat ta' aċċess kondizzjonali" tfisser kull tagħmir, *software* jew arranġament iddisinjat jew adattat sabiex jagħti aċċess f'forma inteliġibbli lil xi wieħed mis-servizzi li jikkostitwixxu servizz protett;

"apparat mhux leċitu" tfisser kull tagħmir, *software* jew arranġament iddisinjat jew adattat sabiex jagħti aċċess f'forma inteliġibbli lil xi wieħed mis-servizzi li jikkostitwixxu servizz protett mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-provditur tas-servizz;

"servizz fi programm" tfisser dak kollu fil-kuntest ta' servizz wieħed ipprovdut minn xandar partikolari;

"servizz protett" tfisser xi jew kull wieħed minn dawn is-servizzi li ġejjin meta dan jiġi provdut bi ħlas u abbażi ta' aċċess kondizzjonali:

(*a*) servizzi ta' programmi televiżivi;

(*b*) servizzi ta' xandir bir-radju inkluži programmi tar-radju intiżi li jaslu għand il-pubbliku, li jiġu trasmessi bil-fili jew mingħajr fili, inkluži dawk bis-satellita;

(*ċ*) servizzi ta' soċjetà ta' informazzjoni offruti b'mezzi elettroniċi, mill-bogħod u fuq talba individwali ta' min jirċievi s-servizzi; jew

(*d*) l-għoti ta' aċċess kondizzjonali għas-servizzi imsemmija hawn qabel li jitqies bħala servizz fih innifsu.

"xandar" tfisser il-persuna naturali jew ġuridika li jkollha responsabbiltà editorjali għall-komposizzjoni ta' servizzi fi programm televiżiv li jaslu għand il-pubbliku in ġenerali u li xxandarhom, jew tara li jiġu mxandra, sħaħ kif ikunu u mhux mittifsa, minn terzi.

Atti ta' kontravvenzjoni li jikkostitwixxu reat kriminali.

(2) Kull min -

(*a*) jimmanifattura jew jipproduċi apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(*b*) jimporta apparat mhux leċitu ġewwa Malta għal finijiet kummerċjali; jew

(*ċ*) iqassam apparat mhux leċitu ġewwa Malta jew minn Malta għal finijiet kummerċjali; jew

(*d*) ibigħ jew jikri apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(*e*) ikollu apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(*f*) jinstalla, jagħmel manutenzjoni fuq, jew jirrimpjazza apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(*g*) kummerċjalment jippromwovi, iqiegħed fis-suq jew

jirreklama apparat mhux leċitu,

jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Qirda ta' apparat mhux leċitu.

(3) Fi proċedimenti li jkunu qegħdin isiru taħt is-subartikolu (2), il-Qorti għandha tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jeqred oġġetti li jiġu stabbiliti bħala apparat mhux leċitu mingħajr ma jingħata kumpens ta' ebda xorta lil ħadd u, meta persuna tinsab ħatja li tkun kisret id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, għas-spejjeż ta' dik il-persuna.

Proċedimenti ċivili.

(4) Il-provditur ta' servizz protett li jkollu l-interessi tiegħu milqutin minn xi att imsemmi fis-subartikolu (2)(*a*) sa (*g*) jkollu jedd kontra min jagħmel dak l-att u għar-rigward ta' dak l-att:

(*a*) jibda azzjoni ċivili għad-danni, u

(*b*) jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jikseb protezzjoni provviżorja tal-interessi tiegħu, u

(*ċ*) jitlob li tinħareġ ordni mill-Qorti kompetenti għall-qirda jew, jekk ikun adatt, it-tneħħija ta' apparat mhux leċitu 'il barra minn kanali kummerċjali.

Miżjuda: XII. 2010.5.

TAQSIMA IV

RADJOKOMUNIKAZZJONI

Tifsir. *Miżjud: XII. 2010.5. Emendat: IX. 2011.3. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27. Emendat: LII. 2021.28.*

26. (1) F'din it-Taqsima:

"apparat" jew "tagħmir" tfisser prodott elettriku jew elettroniku, li jkun intiż li jitfa' u, jew jirċievi ondi tar-radju bil-għan ta' radjokomunikazzjoni u, jew radjudeterminazzjoni, jew prodott elettriku jew elettroniku msieħeb b'aċċessorju, bħalma huma antenna, biex ikun intiż li jista' jitfa' u, jew jirċievi ondi tar-radju bil-għan ta' radjokomunikazzjoni u, jew radjudeterminazzjoni;

"apparat għar-riċezzjoni tax-xandir" tfisser kull apparat użat jew li jista' jintuża għar-riċezzjoni ta' trasmissjonijiet ta' smigħ jew ta' stampa viżwali jew ta' smigħ u stampa viżwali maħsuba għar-riċezzjoni diretta mill-pubbliku in ġenerali;

"awtorizzazzjoni" tinkludi awtorizzazzjoni individwali jew liċenza tkun kif tkun deskritta maħruġa taħt din it-Taqsima, jew kull awtorizzazzjoni ġenerali għall-apparat tkun kif tkun deskritta li tkun tapplika għal xi apparat ta' radjokomunikazzjoni hekk kif jista' jiġi provdut b'din jew taħt din it-Taqsima;

"awtorizzazzjoni ġenerali għall-apparat" tfisser il-qafas stabbilit b'din jew taħt din it-Taqsima li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi ta' persuni li jkunu qegħdin jistallaw, jużaw jew jittrattaw b'xi apparat bħal dak ta' radjokomunikazzjoni hekk kif l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ssemmi b'deċiżjoni tagħha;

"installat" tfisser apparat ta' radjokomunikazzjoni li jkun imqabbad ma' sors ta' enerġija biex hekk ikun intiż li jitfa' u, jew jirċievi ondi tar-radju;

"liċenza individwali ta' radjokomunikazzjoni" tfisser liċenza

individwali li tingħata kif hemm fl-artikolu 30;

"*radio waves*" tfisser mewġ elettromanjetiku ta' frekwenzi li jkunu arbitrarjament iktar baxxi minn 3000 GHz, propagati fl-ispazju mingħajr ebda gwida artifiċjali;

"radjokomunikazzjoni" tfisser l-emissjoni jew ir-riċezzjoni, fuq passaġġi li m'humiex provduti b'xi ħaġa materjali mibnija jew irranġata għal dak l-għan, ta' enerġija elettro-manjetika li sservi sabiex jintbagħtu messaġġi, smigħ jew stampi viżwali (sew jekk il-messaġġi, is-smigħ jew l-istampi jkunu attwalment riċevuti minn xi persuna sew jekk ma jkunux), jew tintuża f'dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-pożizzjoni, direzzjoni jew distanza, jew biex tinkiseb informazzjoni dwar il-preżenza, assenza, pożizzjoni jew moviment, ta' xi ħaġa jew ta' diversi oġġetti ta' kull klassi u riferenza għal apparat jew installazzjoni għar-radjokomunikazzjoni tkun kif tkun deskritta għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għal apparat jew installazzjonijiet għall-emissjoni jew ir-riċezzjoni ta' dik l-enerġija elettro-manjetika kif hawn qabel imsemmi:

Iżda meta xi apparat ikun elettrikament akkoppjat ma' xi installazzjoni li tagħti bidu, tittrasmetti jew twassal stampi viżwali għall-fini li xi persuna tkun tista' tirċievi xi waħda minn dawn l-istampi viżwali (sew jekk dik l-istallazzjoni tkun istallazzjoni għar-radjokomunikazzjoni sew jekk ma tkunx) l-apparat hekk akkoppjat għandu fih innifsu jitqies għall-fini ta' din it-Taqsima li jkun apparat għar-radjokomunikazzjoni;

"radjokomunikazzjoni" tfisser komunikazzjoni li tinvolvi t-trasmissjoni, tfigħ u, jew riċezzjoni permezz ta' ondi tar-radju;", u minnufih wara għandha tiżdied t-tifsira ġdida li ġejja:

"radjudeterminazzjoni" tfisser li tiġi stabbilita l-pożizzjoni, veloċità u, jew karatteristiċi oħra ta' xi oġġett, jew il-ksib ta' informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' dawn il-parametri, permezz tal-proprjetajiet ta' propagazzjoni ta' ondi tar-radju.

"Taqsima" tfisser din it-Taqsima ta' dan l-Att u tinkludi kull regolamenti magħmulin taħtha kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra.

(3) Għall-fini ta' din it-Taqsima kull apparat li ordinarjament jintuża bżala parti komponenti distintiva ta' apparat għar-radjokomunikazzjoni għandu jitqies li jkun maħsub li hekk jintuża, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja.

27. (*Imħassar bl-Att LII.2021.29).*

Delega ta' setgħat taħt din it-Taqsima.
Miżjud:
XII. 2010.5.
Enumerat mill-ġdid:
IX. 2011.27.
Emendat:
VIII. 2014.43.

Awtorizzazzjonijiet mill-Ministru ta' apparat ta' radjo-komunikazzjoni.
Miżjud: XII. 2010.5.
Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.
Emendat: V. 2012.56.

28. (*Imħassar bl-Att LII.2021.29).*

Infurzar.
Miżjud: XII. 2010.5.
Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.

29. (*Imħassar bl-Att LII.2021.29).*

Liċenzji individwali
Sostitwit: LII. 2021.30.

30. (1) Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra minn din it-Taqsima jew taħtha, ħadd m'għandu, mingħajr liċenzja ta' radjokomunikazzjoni individwali mogħtija bil-miktub mill-Awtorità, jinstalla jew juża xi apparat.

(2) Liċenzja ta' radjokomunikazzjoni individwali mogħtija taħt dan l-artikolu tista' tinħareġ bla ħsara għal dawk il-pattijiet, kondizzjonijiet u, jew limitazzjonijiet li l-Awtorità tista' tqis li jkunu adatti, inklużi partikolarment limitazzjonijiet dwar liema apparat jista' jiġi installat jew użat, il-postijiet fejn, l-għanijiet li għalihom, iċ-ċirkostanzi li fihom u l-persuni li jistgħu jużaw l-apparat, hekk kif jista' jiġi stabbilit taħt liċenzja bħal dik:

Iżda liċenzja bħal dik tista' tinħareġ biss jekk qabel ikun tħallas id-dritt stabbilit kollu kemm hu:

Iżda wkoll liċenzja bħal dik tista' tiġi revokata, jew il-pattijiet, kondizzjonijiet jew limitazzjonijiet tagħha mibdula permezz ta' avviż bil-miktub tal-Awtorità li jiġi notifikat lid-detentur tal-liċenzja individwali jew permezz ta' avviż ġenerali maħruġ mill-Awtorità, li jkun japplika għal-liċenzji individwali ta' dik il-klassi li l-liċenzja individwali in kwistjoni tkun tappartjeni għaliha, u ppubblikati.

(3) Liċenzja ta' radjokomunikazzjoni individwali għandha, kemm-il darba ma tkunx ġiet qabel revokata mill-Awtorità, tibqa' fis-seħħ għal dak iż-żmien li jista' jissemma fil-liċenzja.

Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-apparat.
Miżjud: *LII. 2021.31.*

30A. (1) L-Awtorità tista', permezz ta' deċiżjoni tagħha, toħroġ awtorizzazzjoni ġenerali għall-apparat. Meta l-Awtorità tkun qiegħda tagħmel dan hija għandha tistabbilixxi dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet, inklużi dawk ta' xorta teknika, li jistgħu jitqiesu li jkunu meħtieġa partikolarment biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti ta' spektrum tar-radju:

Iżda l-Awtorità tista' permezz ta' deċiżjoni temenda dawk il-pattijiet jew kondizzjonijiet.

(2) Meta tkun qiegħda toħroġ jew temenda xi awtorizzazzjoni

ġenerali għall-apparat, l-Awtorità għandha l-ewwel tippubblika fuq is-sit web tagħha u, jew kull mezz ta' komunikazzjoni ieħor, dikjarazzjoni tal-awtorizzazzjoni ġenerali proposta għall-apparat jew ta' emendi li jsiru għaliha, billi tagħti lill-partijiet interessati l-opportunità li jikkummentaw fuq l-awtorizzazzjoni ġenerali proposta għall-apparat jew l-emendi għaliha f'dak iż-żmien li l-Awtorità tista' tqis li jkun raġonevoli:

Iżda l-ħtieġa li l-Awtorità tippubblika dikjarazzjoni tal-awtorizzazzjoni ġenerali proposta għall-apparat jew tal-emendi għaliha u li tagħti lil kwalunkwe partijiet interessati l-opportunità li jikkummentaw fuq il-proposta ta' awtorizzazzjoni ġenerali għall-apparat jew emendi għaliha, m'għandhiex tkun tapplika meta dawk l-emendi jkunu strettament limitati għall-ħarsien ta' xi obbligi internazzjonali ta' Malta.

(3) L-Awtorità għandha tiżgura li kull awtorizzazzjoni ġenerali għal xi apparat jew emendi għaliha, tingħata pubbliċità.

Infurzar. *Miżjud: LII. 2021.31.*

30B. (1) L-Awtorità tista' teħtieġ lil kull min:

(*a*) ikun qed juża xi apparat bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' din it-Taqsima u, jew ta' xi kondizzjoni tal-awtorizzazzjoni li tista' tkun tapplika għal dak l-apparat; jew

(*b*) ikun qed juża jew jippermetti li dak l-apparat jintuża għal frekwenzi mhux awtorizzati,

jieqaf milli jkompli juża xi apparat bħal dak u, jew teħtieġ lil dik il-persuna tagħti l-apparat lill-Awtorità:

Iżda l-Awtorità tista' taqbad u, jew iżżomm apparat bħal dak u, jew tara li l-użu ta' apparat bħal dak jiġi diżattivat jew ristrett b'kull mod li tagħżel, taħt dawk il-kondizzjonijiet u għal dak iż-żmien li l-Awtorità tista' tispeċifika meta l-Awtorità jirriżultalha li dak l-apparat ikun qed jintuża bi ksur ta' din it-Taqsima jew ta' xi kondizzjoni tal-awtorizzazzjoni li tista' tkun tapplika f'dak li jkollu x'jaqsam ma' dak l-apparat.

(2) Kull nefqa li l-Awtorità tagħmel fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-artikolu, inkluż fil-qbid, żamma jew ħżin, ikunu kif ikunu deskritti, ta' dak l-apparat, ikun jista' jiġi rkuprat bħala dejn ċivili mill-Awtorità mingħand kull persuna li tkun qiegħda taġixxi bi ksur ta' dan l-artikolu.

Pieni. *Sostitwit: LII. 2021.32.*

31. Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra f'din it-Taqsima, kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' din it-Taqsima, jew ta' kull regolamenti magħmulin taħtha, jew li taġixxi bi ksur ta' xi pattijiet, kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet, ikunu kif ikunu deskritti, meħmuża ma' liċenzja individwali jew ma' awtorizzazzjoni ġenerali ta' apparat, tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro

(€25,000) għal kull apparat, u fuq talba tal-prosekuzzjoni, l-Qorti tista' tordna li l-apparat jiġi konfiskat u konsenjat lill-Awtorità, biex dan isir minnu jew jinħażen, hekk kif l-Awtorità tista' tqis li jkun adatt fiċ-ċirkostanzi:

Iżda l-Awtorità għandha, f'każijiet bħal dawn, tirkupra bħala dejn ċivili kull nefqa li hija tista' tagħmel fit-tneħħija jew fil-ħżin, ikunu kif ikunu deskritti, ta' kull apparat bħal dak mingħand il-persuna li tinsab ħatja.

Interferenza dannuża kkaġunata minn apparat ta' radjokomunikazzjoni.
Miżjud: LII. 2021.33.

31A. (1) Apparat ta' radjokomunikazzjoni għandu jintuża biss b'dak il-mod li jkun effettivament juża u jappoġġa l-użu effiċjenti ta' spektrum tar-radju biex tiġi evitata l-interferenza dannuża.

(2) L-Awtorità tista' tawtorizza entità pubblika mwaqqfa kif trid il-liġi biex din tinstalla jew tuża apparat ta' radjokomunikazzjoni li jkun jista' jikkawża interferenza intenzjonata. Apparat bħal dak għandu jintuża esklużivament biex jissodisfa l-esiġenzi ta' difiża, ħtiġijiet ta' sigurtà pubblika, inkluż l-iżgurar jew iż-żamma ta' sigurezza jew ta' bon ordni u dixxiplina f'istituzzjonijiet korrettivi jew ta' detenzjoni, jkunu kif ikunu deskritti:

Iżda ebda awtorizzazzjoni bħal dik ma tkun meħtieġa f'każijiet ta' urġenza ċara li tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurezza pubblika.

(3) Awtorizzazzjoni mogħtija mill-Awtorità taħt dan l-artikolu m'għandha b'ebda mod tikkostitwixxi awtorizzazzjoni li xi komunikazzjoni tiġi legalment interċettata.

(4) Meta tkun qiegħda tagħti awtorizzazzjoni b'mod konformi ma' dan l-artikolu, l-Awtorità għandha tistabbilixxi dawk il-kondizzjonijiet tekniċi u operattivi li tqis adatti biex tissalvagwardja l-integrità ta' *networks* u, jew servizzi pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, inklużi dawk ta' radjudeterminazzjoni.

(5) Awtorizzazzjoni li tingħata taħt dan l-artikolu għandha tkun bil-miktub.

Riċevituri tax-xandir għas-smigħ biss.
Miżjud: XII. 2010.5. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.

32. M'hi meħtieġa ebda awtorizzazzjoni għal riċevituri tax-xandir għas-smigħ biss.

Il-Ministru jista' jeżenta lil ċerti kategoriji mill-ħtiġiet tal-artikoli 30 u 30A.
Miżjud: XII. 2010.5. Emendat: IX. 2011.28; LII. 2021.34.

33. Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità, b'ordni fil-Gazzetta jeżenta lil ċerti kategoriji ta' apparat mill-ħtiġiet tal-artikoli 30 u 30A.

Setgħa li jagħmel regolamenti.
Miżjud: XII. 2010.5.
Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.
Emendat: LII. 2021.35; I.2024.5.

34. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar twettiq ta' xi dispożizzjoni ta' din it-Taqsima u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa hawn qabel imsemmija, dawk ir-regolamenti jistgħu partikolarment jipprovdu:

(*a*) dwar il-mod kif apparat ta' radjokomunikazzjoni jkun kif ikun deskritt għandu jiġi installat, mibjugħ, mikri, operat, miżmum, protett jew kontrollat, u fil-każ ta' xi apparat sekwestrat kif hemm fl-artikoli 30 jew 32, il-mod kif dan għandu jsir minnu u, jew il-ħażna ta' apparat bħal dak;

(*b*) dwar *standards* jew speċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu osservati fir-rigward ta' kull apparat ta' radjokomunikazzjoni;

(*ċ*) dwar kull aspett li għandu x'jaqsam mal-użu tar-radjokomunikazzjoni minn inġenji tal-ajru u bastimenti, inklużi bastimenti merkantili, bastimenti tal-gwerra barranin u inġenji tal-ajru militari barranin;

(*d*) li kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jew -

(i) tkun ħatja ta' reat li meta tinsab ħatja tiegħu tista' teħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), u, jew ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej ir-reat; jew

(ii) tkun ħatja ta' ksur li jkun punibbli b'penali amministrattiva iżda dawk il-penalitajiet amministrattivi m'għandhomx ikunu jeċċedu l-ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) għal kull ksur u, jew ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li matulha jkompli dak il-ksur:

Iżda:

(A) il-proċedura li biha jiġu imposti penalitajiet amministrattivi bħal dawk għandha tkun tippermetti li jiġi eżerċitat id-dritt ta' smigħ qabel ma' jiġu imposti penalitajiet amministrattivi bħal dawk;

(B) il-proċedura li biha jiġu imposti u kontestati penalitajiet amministrativi bħal dawk għandha tkun dik stabbilita għal penalitajiet amministrattivi imposti mill-Awtorità taħt it-Taqsima VI tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, u d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu dwar proċedura bħal dik għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal penalitajiet amministrattivi imposti mill-Ministru taħt din it-Taqsima hekk li kull riferenza għall-Awtorità għandha tinftiehem bħala riferenza għall-Ministru;

Kap. 418.

(Ċ) fil-każijiet kollha meta l-Ministru jimponi jew l-Awtorità timponi penali amministrattiva dwar xi ħaġa li ssir jew li tibqa' ma ssirx minn xi persuna u dak l-att jew ommissjoni jkunu jikkostitwixxu wkoll reat kriminali, ma jistgħu jittieħdu jew jitkomplew ebda proċeduri kriminali kontra dik il-persuna dwar dak ir-reat kriminali;

(*e*) dwar kull aspett tal-forma, sustanza u kemm iddum valida liċenza individwali ta' radjokomunikazzjoni, il-kundizzjonijiet meta għandha tinħareġ u tinżamm liċenza bħal dik, id-drittijiet li jitħallsu għaliha u n-natura u x-xorta tal-apparat awtorizzat mil-liċenza li bastiment Malti li jbaħħar jista' jkun meħtieġ li jikseb biex iżomm u juża installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni;

(*f*) dwar kull dritt u, jew ħlas, ikunu kif ikunu deskritti, li jista' jintalab għal xi ħaġa regolata minn din it-Taqsima inkluż il-ħruġ jew it-tiġdid ta' liċenzji jew awtorizzazzjonijiet ta' radjokomunikazzjoni individwali, ikunu kif ikunu deskritti:

Iżda l-Ministru jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, inaqqas jew jagħti lura kull dritt jew ħlas bħal dak. Qabel ma jagħmel dan, il-Ministru għandu qabel jikkonsulta lill-Awtorità;

(*g*) dwar kull proċedura li jkollha x'taqsam mat-tpaċija ta' tilwimiet li jistgħu jqumu, inkluż kull ftehim bil-miktub li jista' jsir ma' persuna akkużata b'reat taħt din it-Taqsima, u kull ftehim dwar il-ħlas ta' multa minflok prosekuzzjoni għal reat taħt din it-Taqsima, u dan minkejja kull dispożizzjoni ta' din it-Taqsima;

(*h*) dwar kull ħaġa li tista' tkun meħtieġa għall-fini ta' konformità ma' kull obbligu internazzjonali li Malta jista' jkollha dwar ir-radjokomunikazzjoni inklużi dawk dwar *standards* f'Malta:

Iżda il-Ministru jista', meta jkun qiegħed jagħmel xi regolamenti taħt dan l-artikolu li jkollhom x'jaqsmu ma' *standards*, speċifikazzjonijiet jew ħwejjeġ ta' xorta strettament teknika, jagħmel dawk ir-regolamenti bl-ilsien Ingliż biss.

Eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima. *Miżjud: XII. 2010.5. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.*

35. (*Imħassar bl-Att LII.2021.36).*

Enumerata mill-ġdid: XII. 2010.5. Emendata: LII. 2021.37.

TAQSIMA V

Tħaddim u Aċċess għal spektrum tar-radju

Tifsir.
Miżjud: VII. 2004.23.
Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5.
Sostitwit: IX. 2011.29.
Emendat: LII. 2021.38.

36. (1) F'din it-Taqsima, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, "awtorizzazzjoni ġenerali" tfisser qafas stabbilit b'din it-Taqsima jew taħtha li tistipula d-drittijiet u obbligazzjonijiet għall-użu ta' spektrum tar-radju, meta l-użu ta' spektrum tar-radju ma jkunx soġġett għall-liċenzja individwali.

(2) Din it-Taqsima tirregola kull spektrum tar-radju, ħlief għal xi spektrum tar-radju li jkun espressament regolat taħt xi liġi oħra, u li jkun identifikat bħala tali fil-Pjan ta' Frekwenzi.

Awtorizzazzjoni għall-użu ta' spektrum tar-radju
Sostitwit: LII. 2021.39.

37. L-Awtorità għandha tiffaċilita l-użu ta' spektrum tar-radju, inkluż l-użu kondiviż, taħt awtorizzazzjonijiet ġenerali maħruġa taħt dan l-Att jew b'mod konformi mad-drittijiet individwali għall-użu tal-ispektrum tar-radju awtorizzat mill-Awtorità b'mod konformi ma' dan l-Att, jew wara awtorizzazzjoni espliċita b'mod konformi ma' kull liġi oħra.

(2) L-Awtorità għandha tillimita l-għoti ta' drittijiet individwali għall-użu tal-ispektrum tar-radju għal dawk is-sitwazzjonijiet meta dawk id-drittijiet ikunu meħtieġa biex iżidu kemm jista' jkun l-użu effiċjenti minħabba fid-domanda u filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti f'dan is-subartikolu. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-Awtorità għandha tistipula l-kondizzjonijiet għall-użu ta' spektrum tar-radju f'awtorizzazzjoni ġenerali. Għal dan l-iskop l-Awtorità għandha tiddeċiedi dwar l-aktar reġim adatt sabiex jiġi awtorizzat l-użu ta' spektrum tar-radju, filwaqt li jittieħed kont:

(*a*) tal-karatteristiċi speċifiċi tal-ispektrum tar-radju involut;

(*b*) tal-ħtieġa li jkun hemm ħarsien kontra interferenza dannuża;

(*ċ*) tal-iżvilupp ta' kondizzjonijiet affidabbli għal kondiviżjoni tal-ispektrum tar-radju, fejn japplika;

(*d*) tal-ħtieġa li tiġi żgurata l-kwalità teknika ta' komunikazzjonijiet jew tas-servizz;

(*e*) tal-għanijiet ta' interess ġenerali kif stipulati mill-Ministru b'mod konformi mal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea; u

(*f*) tal-ħtieġa li jitħares sew l-użu effiċjenti ta' spektrum tar-radju.

(3) Meta jkun qiegħed jitqies jekk għandhomx jinħarġu awtorizzazzjonijiet ġenerali jew jingħataw drittijiet individwali tal-użu għall-ispektrum armonizzat tar-radju, filwaqt li jittieħed kont tal-miżuri tekniċi implimentattivi adottati b'mod konformi mal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE, l-Awtorità għandha tagħmel ħilitha biex tnaqqas kemm tista' l-problemi ta' interferenza dannuża, inkluż f'każijiet ta' użu kondiviż tal-ispektrum tar-radju abbażi ta' kombinazzjoni ta' awtorizzazzjoni ġenerali u ta' drittijiet individwali

tal-użu:

Iżda fejn ikun hekk adatt, l-Awtorità għandha tqis il-possibilità li tawtorizza l-użu ta' spektrum tar-radju bbażat fuq kombinazzjoni ta' awtorizzazzjoni ġenerali u ta' drittijiet individwali tal-użu, filwaqt li jitqiesu l-effetti probabbli ta' kombinazzjonijiet differenti ta' awtorizzazzjonijiet ġenerali u ta' drittijiet individwali tal-użu u ta' trasferimenti gradwali minn kategorija għall-oħra fuq il-kompetizzjoni, l-innovazzjoni u d-dħul fis-suq.

(4) L-Awtorità għandha tara kif tnaqqas kemm tista' r-restrizzjonijiet dwar l-użu ta' spektrum tar-radju billi tieħu kont xieraq ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-ġestjoni ta' interferenza dannuża biex ikun jista' jiġi impost l-inqas reġim ta' awtorizzazzjoni oneruż possibbli.

(5) Meta tkun qiegħda tiddeċiedi b'mod konformi mas-subartikoli (1) u (2) bil-għan li tiffaċilita l-użu kondiviż tal-ispektrum tar-radju, l-Awtorità għandha tiżgura li l-kondizzjonijiet għall-użu kondiviż tal-ispektrum tar-radju jkunu stipulati b'mod ċar. Dawk il-kondizzjonijiet għandhom jiffaċilitaw l-użu effiċjenti ta' spektrum tar-radju, il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni.

Thaddim tal-ispektrum tar-radju. *Sostitwit: LII. 2021.40.*

38. (1) L-Awtorità għandha tiżgura t-tmexxija effettiva tal-ispektrum tar-radju għal *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi f'Malta b'mod konformi mal-artikoli 4 u 4A. Meta tkun qiegħda tagħmel dan l-Awtorità għandha tieħu kont li l-ispektrum tar-radju huwa beni pubbliku b'valur soċjali, kulturali u ekonomiku importanti.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-kriterji u proċeduri speċifiċi li jiġu adottati biex jagħtu dritt ta' użu ta' spektrum tar-radju lil provdituri ta' servizzi ta' kontenut ta' xandir bir-radju jew bit-televiżjoni bil-għan li jiksbu għanijiet ta' interess ġenerali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea:

(*a*) m'għandu jingħata ebda dritt ta' użu esklużiv jew speċjali ta' spektrum tar-radju meta jingħataw servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi; u

(*b*) l-Awtorità għandha, fit-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tagħha dwar l-allokazzjoni, l-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet ġenerali, u l-għoti ta' drittijiet individwali ta' użu għall-ispektrum tar-radju għal *networks* u, jew servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, timxi b'mod konformi ma' kriterji oġġettivi, trasparenti, li jiffavorixxu l-kompettività, mhux diskriminatorji u proporzjonati.

(3) Meta tkun qiegħda tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-Awtorità għandha tirrispetta kull ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi r-Regolamenti tar-Radju ITU, u kull ftehim ieħor adottat fil-qafas tal-ITU kif dawn japplikaw għall-ispektrum tar-radju

filwaqt li tista' tqis dak kollu li jsir fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet tal-politika pubblika.

(4) Meta jingħataw drittijiet għall-użu ta' spektrum tar-radju u fi kwalunkwe każ mill-inqas darba fis-sena, l-Awtorità għandha tippubblika l-assenjazzjoni ta' dawk id-drittijiet safejn dawn ikollhom x'jaqsmu mal-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

Adozzjoni u pubblikazzjoni ta' pjan ta' frekwenzi. *Sostitwit: LII. 2021.41.*

39. (1) L-Awtorità għandha tabbozza, tadotta u tippubblika pjan ta' frekwenzi, u dak il-pjan ta' frekwenzi għandu minn żmien għal żmien jiġi rivedut u ppubblikat mill-Awtorità hekk kif jista' jitqies li jkun meħtieġ:

Iżda qabel ma tadotta jew tirrevedi l-pjan ta' frekwenzi, kif ikun il-każ, l-Awtorità għandha f'kull każ l-ewwel tikkonsulta lill-Ministru:

Iżda wkoll il-ħtieġa ta' konsultazzjoni mal-Ministru ma tapplikax meta dawk ir-reviżjonijiet ikunu limitati għall-ħarsien ta' xi obbligazzjonijiet internazzjonali ta' Malta.

(2) L-Awtorità għandha fl-abbozzar tal-pjan ta' frekwenzi, tistabbilixxi liema frekwenzi għandhom jiġu assenjati taħt dan l-Att u, jew taħt kull liġi oħra u l-għanijiet li jistgħu jintużaw għalihom.

Newtralità teknoloġika. *Miżjud: IX. 2011.35.*

40. (*Imħassar bl-Att LII.2021.42).*

Newtralità tas-servizz. *Miżjud: IX. 2011.35.*

41. (*Imħassar bl-Att LII.2021.42).*

Applikazzjoni ta' teknoloġija u servizz ta' newtralità. *Miżjud: IX. 2011.35.*

42. (*Imħassar bl-Att LII.2021.42).*

Reviżjoni ta' restrizzjonijiet fuq drittijiet eżistenti. *Miżjud: IX. 2011.35.*

43. (*Imħassar bl-Att LII.2021.42).*

Regoli li jipprevjenu t-tgeddis ta' spektra. *Miżjud: IX. 2011.35.*

44. (*Imħassar bl-Att LII.2021.42).*

Negozju tal-ispektra. *Miżjud: IX. 2011.35.*

45. (*Imħassar bl-Att LII.2021.42).*

Setgħat tal-Awtorità speċifiċi għal spektrum tar-radju.
Miżjud:
VII. 2004.23.
Enumerat mill-ġdid:
XII. 2010.5;
IX. 2011.34.
Sostitwit:
LII. 2021.43.

46. L-Awtorità, f'konsultazzjoni mal-Ministru, tista', bil-għan li tiżgura l-użu l-aktar effiċjenti u effettiv ta' spektrum tar-radju kif hawn fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, timponi dawk il-ħtiġiet jew tieħu dawk il-miżuri kif tista' tqis li jkunu adatti, inklużi imma mhux biss, it-tqassim mill-ġdid jew il-qsim ta' frekwenzi.

Enumerat mill-ġdid:
XII. 2010.5.

TAQSIMA VI

REGOLAMENTI

Regolamenti.
Miżjud:
VII. 2004.23.
Emendat:
A.L. 425 tal-2007;
XXX. 2007.32.
Enumerat mill-ġdid:
XII. 2010.5.
Emendat:
XII. 2010.9;
IX. 2011.3;
IX. 2011.36;
LII. 2021.44;
XXXV.2023.42;
I.2024.6.

47. (1) Il-Ministru jista', jew bir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità jew b'inizjattiva tiegħu nnifsu wara konsultazzjoni mal-Awtorità, jagħmel regolamenti li jagħtu seħħ aħjar lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod partikolari sabiex:

(*a*) jirregolaw servizz ta' komunikaz-zjonijiet elettroniċi u, jew *networks* inklużi l-interkonnessjoni ta' *networks*, it-tqegħid fl-istess post u kondiviżjoni ta' elementi ta' *network* u ta' faċilitajiet assoċjati, l-eżekuzzjoni ta' stħarriġ ġeografiku, is-selezzjoni minn qabel tat-trasportatur, l-aċċess f'*networks*, id-drittijiet ta' passaġġ, sigurtà tan-*networks* u tas-servizzi, it-trasmissjoni jew reċezzjoni ta' sinjali tas-satellita, il-manutenzjoni u l-pubblikazzjoni ta', u l-aċċessibilità għal kull informazzjoni tkun kif tkun deskritta, jistipulaw obbligi ta' servizz universali, kull ma jkollu x'jaqsam man-numri inkluża l-portabilità tagħhom, pjanijiet u allokazzjoni, kull ma għandu x'jaqsam mal-*e-mails* li jintbagħtu jew ma' servizzi oħra bħal dawk bil-għan li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta jew għal finijiet tal-ħarsien tal-utent finali, l-obbligi ta' xi impriża li jkollha setgħa fis-suq sinifikanti, regoli ta' kompetizzjoni u ta' protezzjoni tal-utent finali jew tal-konsumatur inklużi imma mhux biss regoli li għandhom x'jaqsmu mas-sospensjoni, terminazzjoni u tiġdid ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi lil utenti finali u, jew konsumaturi, l-użu ta' klawżoli mhux ġusti f'kuntratti ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, prattiċi kummerċjali mhux ġusti sakemm dawn ikollhom x'jaqsmu mal-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għal utenti finali u, jew konsumaturi, arranġamenti ta' kumpens u rifużjoni, proċeduri ta' kontijiet u eżattezza fil-kontijiet, komunikazzjonijiet u servizzi ta' emerġenza, sistemi ta' twissija pubblika, servizzi armonizzati b'valur soċjali, u servizzi ta' konsultazzjoni tad-direttorju;

(*b*) jipprovdu għal kull ħtieġa li tista' tiġi imposta fuq impriżi biex jadottaw sistemi ta' kontijiet skont ma jistgħu jiġu ordnati u biex iżommu dawk ir-*records* operattivi, ta' kontijiet, finanzjarji, statistiċi u tekniċi skont ma jistgħu jiġu speċifikati fir-regolamenti, inkluż l-għoti lill-Awtorità ta' dawk id-

dikjarazzjonijiet, prospetti u informazzjoni oħra dwar kumpannija fejn impriża jkollha interess ta' kontroll skont ma l-Awtorità tista' teħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att;

(*ċ*) jipprovdu dwar il-kondizzjonijiet applikabbli għal awtorizzazzjonijiet u, jew liċenzi jissejħu kif jissejħu u l-prospetti u r-rapporti li għandhom isiru lill-Awtorità;

(*d*) jirregolaw il-mod kif infrastruttura jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew radjukomunikazzjonijiet għandu jkun istallat, imħaddem, miżmum, protett jew kontrollat u *standards* jew speċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom ikunu osservati dwar dik l-infrastruttura jew dak l-apparat;

(*e*) jipprovdu dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi żgurata konformità ma' *standards* internazzjonali u oħrajn użati fl-industriji tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u dwar il-mezzi li għandhom jintużaw u l-miżuri li għandhom jiġu adottati, biex tiġi żgurata s-sigurtà u jitħares li ma jkun hemm ebda periklu, ħsara jew disturb dwar xi aspett ta' komunikazzjonijiet elettroniċi;

(*f*) jirregolaw il-kwalità u *standard* ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li għandhom ikunu provduti u miri fil-kwalità ta' servizzi u t-twaqqif u ż-żamma ta' servizz ta' assistenza effiċjenti mill-impriżi għall-utenti;

(*g*) jipprovdu dwar il-proċeduri ta' pproċessar ta' ilmenti li għandha tkun implementata minn impriża;

(*h*) jirregolaw servizzi ta' distribuzzjoni bit-televiżjoni u bir-radju inklużi regoli dwar affarijiet li għandhom ta' bilfors jiġu mxandra, u l-obbligu li tiġi provduta kapaċità ta' kanal għal użu pubbliku, tal-gvern jew edukattiv;

(*i*) jipprovdu dwar kull ħaġa li jkollha x'taqsam mar-riżolviment ta' kull tilwima u jew ilment, ikunu kif ikunu deskritti, li jkollhom x'jaqsmu ma' *networks* jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, inklużi appelli minn kull deċiżjoni, u il-proċedura li għandha tiġi segwita fir-riżolviment ta' tilwimiet transkonfini;

(*j*) jirregolaw il-proċedura għar-riżolviment ta' tilwimiet li jinvolvu *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizzi u utenti finali u r-relazzjoni bejn l-Awtorità u awtoritajiet pubbliċi oħra responsabbli għar-riżolviment ta' tilwimiet;

(*k*) jipprovdu għal obbligi dwar iż-żamma ta' *data*, u għar-regoli dwar l-aċċess mill-Awtorità u mill-Pulizija għal *data* li tinżamm minn impriżi, u jordnaw x'miżuri għandhom jittieħdu minn kull persuna bil-għan li tiġi żgurata l-invijolabilità ta' komunikazzjonijiet elettroniċi trasmessi u l-konfidenzjalità tagħhom u l-ħarsien tal-privatezza dwar kull servizz ta'

komunikazzjonijiet elettroniċi inkluži miżuri ta' protezzjoni ta' *data* fis-settur ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u miżuri ta' protezzjoni ta' *data* li jkollhom x'jaqsmu mal-użu ta' informazzjoni u li jinkisbu mis-settur ta' komunikazzjonijiet elettroniċi bil-għan li jkun hemm tqegħid fis-suq dirett;

(*l*) jirregolaw il-provdiment ta' informazzjoni bejn Malta u l-Unjoni Ewropea u, jew Stati Membri;

(*m*) jirregolaw u jipprovdu dwar kull dritt u, jew ħlas jissejħu kif jissejħu li jista' jkollhom jitħallsu lill-Awtorità;

(*n*) jipprovdu dwar kull ħaġa li tista' tkun meħtieġa bil-għan li jkun hemm konformità ma' kull obbligu internazzjonali ta' Malta li jkollu x'jaqsam ma' komunikazzjonijiet elettroniċi partikolarment bil-għan li jkun hemm konformità ma' kull ħtieġa, tkun kif tkun deskritta, tal-Unjoni Ewropea;

(*o*) jirregolaw l-allokazzjoni, assenjament u użu ta' spektrum tar-radju għal *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizzi, inkluż it-trasferiment jew il-kiri ta' drittijiet biex jintużaw spektrum tar-radju lil impriżi oħra u l-proċedura li għandha tiġi segwita;

(*p*) jirregolaw kull ħaġa li għandha x'taqsam mar-regolament, amministrazzjoni, maniġġar u awtorizzazzjoni ta' spektrum tar-radju, inkluż kull aspett dwar il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet, kummerċ ta' spektra, il-mod kif spektrum tar-radju u, jew apparat ikun kif ikun imsemmi, jista' jintuża mingħajr il-ħtieġħa ta' awtorizzazzjoni, u d-drittijiet u l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti dwarhom;

(*q*) jagħtu s-setgħa lill-Awtorità timponi penalitajiet amministrattivi ta' mhux iżjed mill-ammont ta' mitejn u ħamsin elf euro (€250,000) għal kull ksur u, jew ħamest elef euro (€5,000) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas ta' ħarsien ta' dan l-Att, fuq kull persuna li tikser regolamenti magħmulin taħt dan l-Att u li tipprovdi sabiex jiġu imposti u enforzati dawk il-penalitajiet amministrattivi kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni;

Kap. 418.

(*r*) jipprovdu għal regoli li jkunu japplikaw f'dak li għandu x'jaqsam mal-impożizzjoni ta' penalitajiet amministrattivi li jistgħu jsiru taħt dan l-artikolu meta persuna tonqos milli tħares dan l-Att;

(*s*) jirregolaw l-obbligi, inkluži obbligi finanzjarji, ta' impriżi għar-rigward ta' interċettazzjoni legali;

(*t*) jipprovdu dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-kwalifiki li persuna tista' tkun teħtieġ biex tkun tista' twettaq xi ħidma jew twettaq xi att ieħor li jkollu

x'jaqsmu mal-kostruzzjoni, tiswija, manutenzjoni, tibdil jew kontroll ta' xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew *network*, inklużi testijiet li għandhom isiru biex jiġi aċċertat jekk persuna jkollhiex dawn il-kwalifiki;

(*ta*) jirregola attivitajiet li jseħħu f'medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent kif imfissra fl-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva; Kap. 625.

(*u*) tistabbilixxi pieni għal reati kriminali kontra regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, inklużi multi differenti għal reati differenti u, jew multi kalkulati skont kemm idum għaddej ir-reat:

Iżda r-regolamenti li jistgħu jsiru m'għandhomx ikunu jipprovdu għal multa ta' iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, jew ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej ir-reat;

(*v*) jordnaw kull ħaġa li tista' tiġi ordnata taħt dan l-Att:

Iżda l-Ministru jista', meta jagħmel xi regolamenti taħt dan is-subartikolu li għandhom x'jaqsmu ma' *standards* jew ħwejjeġ ta' natura strettament teknika, jagħmel dawn ir-regolamenti bil-lingwa Ingliża biss.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5A, il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità b'ordni fil-Gazzetta jagħti setgħa lil kull korp jew korpi mwaqqfa bil-liġi teżerċita xi funzjoni speċifika taħt dan l-Att jew taħt regolamenti magħmulin taħtu fejn, fil-fehma tal-Ministru, jitqies adatt fiċ-ċirkostanzi partikolari li dawk il-funzjonijiet ikunu eżerċitati minn xi awtorità pubblika oħra:

Iżda fil-ħruġ ta' xi ordni taħt dan is-subartikolu, il-Ministru għandu jagħti r-raġunijiet tiegħu għaldaqstant.

(3) Il-Ministru jista', meta jkun qed jagħmel regolamenti taħt dan l-artikolu, jeħtieġ li l-Awtorità taġixxi f'koordinament u, jew li tikkonsulta ma' xi entità pubblika jew entitajiet pubbliċi oħra hekk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jiddeċiedi. Meta jkun qed jagħmel dan il-Ministru għandu jikkonsulta ma' kull Ministru ieħor li jista' jkun responsabbli għal kull entità pubblika bħal dawk, u mal-Awtorità.

(4) L-Awtorità tista' b'ordni fil-Gazzetta temenda d-drittijiet, kondizzjonijiet u proċeduri dwar awtorizzazzjonijiet ġenerali u d-drittijiet ta' użu għal spektrum tar-radju jew għal riżorsi jew drittijiet tan-numerazzjoni, sabiex jiġu installati faċilitajiet, kif provdut fl-Att jew f'regolamenti magħmulin taħtu. Kull emenda bħal dawk għandha ssir biss f'każijiet li jkunu oġġettivament ġustifikati u b'mod proporzjonat, filwaqt li jittieħed kont, meta jkun adatt, tal-kondizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għal drittijiet trasferibbli tal-użu għal spektrum tar-radju jew għal riżorsi tan-numerazzjoni:

Iżda ħlief meta l-emendi proposti jkunu żgħar u jkunu ġew maqbula mad-detentur tad-drittijiet jew tal-awtorizzazzjoni

ġenerali, l-Awtorità għandha, qabel ma tagħmel xi emendi b'mod konformi ma' dan is-subartikolu, tavża b'dak il-mod li tqis li jkun adatt l-intenzjoni tagħha li tagħmel dawk l-emendi, filwaqt li tistieden lill-partijiet interessati, inklużi l-utenti u l-konsumaturi, jesprimu x'ikunu jaħsbu fuq l-emendi proposti fi żmien mhux inqas minn erba' gimgħat hekk kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż. L-imsemmi żmien ta' erba' ġimgħat ma għandux japplika f'ċirkostanzi eċċezzjonali:

Iżda wkoll l-Awtorità għandha tippubblika dawk l-emendi filwaqt li tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex tkun qiegħda tagħmilhom.

Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5.

TAQSIMA VII

REATI KRIMINALI

Reati ta' xorta kriminali speċifiċi għal komunikazzjonijiet elettroniċi. *Miżjud: VII. 2004.23. Emendat: A.L. 425 tal-2007. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5; IX. 2011.34. Emendat: LII. 2021.45.*

48. (1) Persuna li -

(*a*) tibni, issewwi, iżżomm f'kundizzjoni tajba, tibdel jew tikkontrolla xi apparat jew istallazzjoni mingħajr ma jkollha l-kwalifiki meħtieġa għal dak l-iskop b'dan l-Att jew taħtu;

(*b*) tbiegħ jew toffri għal bejgħ jew tipprovdi jew tistalla jew tuża xi stallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma' tali *standards* jew speċifikazzjonijiet tekniċi skont ma huma meħtieġa jew stabbiliti b'dan l-Att jew taħtu, jew li hu jkun jaf, jew ikollu tassew raġonevolment għaliex jaħseb, li jkunu difettużi jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu nbiegħu, ġew provduti, istallati jew użati;

(*ċ*) tipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew tistalla jew tħaddem xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b'dan l-Att jew taħtu;

(*d*) tuża xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma jkunx dak li jkun ġie fornut għalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriża għall-użu kif imiss tan-*network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella tużah b'mod mhux kif imiss;

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u fil-każ ta' reat permanenti għal multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

(2) Persuna li tagħti informazzjoni lill-Awtorità jew lill-Ministru li tkun taf, jew ikollha tassew għaliex raġonevolment taħseb li tkun falza jew qarrieqa, jew li timpedixxi jew tostruwixxi lill-Awtorità jew lill-Ministru, fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħhom b'dan l-Att jew taħtu, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att, u meta tinsab ħatja, tista' teħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u

għoxrin elf euro (€25,000) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Persuna li tkun persuna impjegata jew imqabbda tagħmel dmir ma' xi impriża jew li tiġi mibgħuta magħha -

(*a*) tagħti informazzjoni dwar xi messaġġ li ssir taf bih minħabba fil-kariga li jkollu lil xi persuna li ma jkollhiex jedd tirċievi informazzjoni bħal dik;

(*b*) xjentement tibdel jew taħbi xi messaġġ jew it-tismija tal-persuna li lilha jintbagħat jew jiġi indirizzat, mingħajr ebda kawża ġusta;

(*ċ*) xjentement tommetti, iddewwem jew tostruwixxi milli twassal jew tikkunsinna xi messaġġ jew tħassar jew teqred xi messaġġ jew applikazzjoni għat-twassil ta' xi messaġġ mingħajr ebda kawża ġusta;

(*d*) xjentement tirrappreżenta messaġġ bħala li jkun intbagħat minn persuna li ma tkunx il-mittent jew bħala li jkun indirizzat lil persuna li ma tkunx dik indirizzata, jew applikazzjoni biex jintbagħat messaġġ bħala li jkun sar minn persuna li ma tkunx l-applikant, mingħajr ebda kawża ġusta;

(*e*) xjentement tħassar jew teqred xi messaġġ li ma jkunx indirizzat lilha jew applikazzjoni dwar it-trasmissjoni ta' messaġġ, mingħajr ebda kawża ġusta; jew

(*f*) kontra l-liġi tirtira mill-kontroll ta' impriża, jew ta' xi ħadd impjegat jew imqabbad jaqdi dmirijiet ma' xi impriża, jew filwaqt li jkun qiegħed jaħdem fiha, messaġġ indirizzat lil xi persuna oħra,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att u tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Min jattakka jew jostruwixxi jew jimpedixxi xi uffiċjal, impjegat jew aġent ta' impriża fl-eżerċizzju ta' dmirijietu ma' dik l-impriża ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att, u meta jinsab ħati jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(5) Kull min juża, mingħajr ma jkun debitament awtorizzat bil-liġi, apparat bil-għan li bil-ħsieb jinterferixxi ma' xi radjokomunikazzjoni jkun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) u, jew multa ta' mhux iżjed minn elf euro (€1,000) għal kull ġurnata li matulha jonqos milli jikkonforma ruħu, u, jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena, jew għal dik il-multa jew multi u priġunerija.

Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid.
Miżjud: XXX. 2007.33. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5; IX. 2011.34. Emendat: XI.2018.32; LII. 2021.46; XXIX.2023.5.

49. Kull min permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika -

(*a*) jhedded li jagħmel xi reat; jew

(*b*) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew

(*ċ*) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,

ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat:

Iżda, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe liġi oħra, kliem jew espressjonijiet imlissna jew pubblikati fuq network ta' komunikazzjoni elettronika jew apparat ma għandhomx jikkostitwixxu reat kontra dan l-Att jekk jitlissnu jew jiġu pubblikati bħala parti minn espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali, ta' kull xorta, u ma jwasslux għal theddid kredibbli u realistiku għal-libertà jew għas-sigurtà personali ta' xi persuna jew għall-proprjetà ta' xi persuna.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti dwar reati kriminali.
Miżjud: VII. 2004.23. Emendat: A.L. 425 tal-2007. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5; IX. 2011.34. Emendat: LII. 2021.47; I.2024.7.

50. Mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità, jagħmel regolamenti li bihom jordna pieni għal reati kriminali kontra regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, u dawk ir-regolamenti jistgħu:

(*a*) jistipulaw multi differenti għal reati differenti;

(*b*) jistipulaw multi kalkolati skont kemm idum l-għemil tar-reat:

Iżda kull regolament bħal dawk li jista' jkun magħmul ma għandux jipprovdi għal multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, jew ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jibqa' għaddej ir-reat.

Proċedimenti dwar reat kriminali.
Miżjud: VII. 2004.23. Emendat: XXX. 2007.34. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5. Emendat: IX. 2011.37. Kap. 9.

51. (1) Ma għandu jinbeda ebda proċediment għal reat kriminali taħt dan l-Att li ma jkunx reat taħt l-artikolu 25, taħt l-artikolu 48(1)(*d*) jew taħt l-artikolu 49, mingħajr il-kunsens tal-Awtorità jew fuq talba tagħha.

(2) Minkejja kull ħaġa li tinsab fil-Kodiċi Kriminali, il-prosekuzzjoni tista' tagħmel appell quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti kontra kull sentenza mogħtija fi proċedimenti dwar reat taħt dan l-Att.

Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5.

TAQSIMA VIII

RISERVI, DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U EŻENZJONIJIET

Riżervi.
Sostitwit: LII. 2021.48.

52. (1) Kull regolament magħmul jew miżmum fis-seħħ minn jew taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att kif fis-seħħ fil-21 ta'

Diċembru, 2020 u kif ikun għadu fis-seħħ f'dik id-data għandu, sakemm ma jiġix provdut xort'oħra taħt jew bis-saħħa ta' dan l-Att, ikompli jseħħ u jibqa' jkollu effett.

(2) Kull direttiva, deċiżjoni jew nomina jkunu kif ikunu deskritti magħmula mill-Awtorità taħt dan l-Att kif fis-seħħ fil-21 ta' Diċembru, 2020 u kif ikun għadu fis-seħħ f'dik id-data, għandu jkompli jseħħ sakemm ma jiġix revokat jew emendat mill-Awtorità.

53. (*Imħassar bl-Att LII.2021.49).*

Rivista ta' obbligi preċedenti għal aċċess u interkonnessjoni.
Miżjud: VII. 2004.27.
Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5; IX. 2011.39.
L.S. 399.09
L.S. 399.10
L.S. 399.14
L.S. 399.24
L.S. 399.26
L.S. 399.27

54. (*Imħassar bl-Att LII.2021.49).*

Awtorizzazzjonijiet eżistenti.
Miżjud: VII. 2004.27.
Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5.
Sostitwit: IX. 2011.40.

55. Il-Prim Ministru jista' b'ordni ppubblikat fil-Gazzetta jeżenta minn kull dispożizzjoni ta' dan l-Att lil *network* u, jew servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew lil apparat ta' radjokomunikazzjoni li jintuża esklużivament mill-Istat għal attivitajiet li jirrigwardaw is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurezza tal-Istat, inkluż il-benesseri ekonomiku tal-Istat fil-każ ta' attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' affarijiet ta' sigurezza tal-Istat, u attivitajiet tal-Istat fil-kuntest tal-liġi kriminali:

Eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.
Sostitwit: LII. 2021.50.

Iżda m'għandha tingħata ebda eżenzjoni bħal dik dwar:

(*a*) il-ħtieġa li jkun hemm awtorizzazzjoni espliċita maħruġa mill-Awtorità dwar id-drittijiet ta' użu għal spektrum tar-radju; jew

(*b*) l-installazzjoni jew l-użu ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni li jkun kapaċi jikkaġuna interferenza intenzjonata, kif provdut fl-artikolu 31A.

(2) Il-Prim Ministru għandu, meta jagħmel xi ordni taħt dan l-artikolu, l-ewwel jikkonsulta lill-Awtorità, u jista' wara li jkun għamel dan, jimponi dawk il-kondizzjonijiet li jista' jqis adatti fiċ-ċirkostanzi.